Mqaddsa ma żammewx dik il-għamla li kellhom fil-bidu, imma bħal kotba l-oħra kollha ħadu l-għamla li kienet użata fiż-żmien li xi kopja tal-Bibbja kienet issir. Il-Kotba Mqaddsa kienu maqsumin f'kapitli fiż-żmenijiet tan-nofs, aktarx mill-Kardinal Dumnikan, Ugo di San Caro, li flimkien ma' ħafna Patrijiet Dumnikani oħra kien għamel l-ewwel *Concordanza Biblica Verbali*. Għal dax-xogħol kien meħtieġ li l-kotba jkunu mqassmin f'kapitli u l-kapitli jew faċċati, imbagħad, mifrudin f'ittri, A, B, C, etc. Fis-Seklu Ħmistax, il-kapitli kienu mqassmin f'numri, jew aħjar, l-istampatur Etienne, daħħal fil-Bibbja tiegħu għadd fil-bidu ta' kull vers, jew aħjar, ta' kull propożizzjoni. B'hekk il-lum nistgħu nsibu malajr it-testi ta' l-Iskrittura, bħal meta ngħid: "Il-Vanġelu ta' San Ġwann, kap. 3, vers 5, fejn insib il-kelma ta' Ġesù: *Min ma jkunx mgħammed bl-ilma u b'Ruħ il-Qdusija, ma jidħolx fis-Saltna tas-Sema.*

Minn dan naraw kif saret il-Bibbja li għandna f'idejna u kif kienet fil-bidu tagħha. Darba oħra nitħaddtu fuq kif il-Kotba Mqaddsa jinsábu miġburin fil-Bibbja, u ta' liema ħtieġa hi li wieħed ikun jaf għaliex il-Kotba Mqaddsa għandhom dak il-post li l-lum jimlew fil-Bibbja.

P. Serafin M. Zarb, O.P.

---

# TIEĠ TA' L-GĦARAB MISILMIN

Il-Misilmin aktarx li jiżżewġu kollha. Fit-tnaxer sena li domt fl-artijiet tagħhom, qatt ma niftakar li smajt li xi Mislem baqa' għażeb jew xi Misilma baqgħet għażba. Hemm minnhom li jiżżewġu żgħar ħafna — jien naf tifel ta' ħdaxer sena li kien ilu miżżewweġ sentejn — u hemm ukoll li jiżżewġu kbar. Il-Mislem, milli jidher, jiżżewweġ meta jkun jista'.

"Għaliex?" isaqsi xi ħadd. "Mela mhux dejjem il-Mislem jista' jiżżewweġ?"

Le. Il-Mislem biex jiżżewweġ irid ikollu l-flus biex jista' *jixtri* l-għarusa. Jekk ma jixtrihiex, ikollu jibdilha ma' xebba jew tifla oħra, kif sa insemmi hawnhekk.

Bħalli kieku, raġel irid iżewweġ lil ibnu. Jekk ir-raġel ikollu l-ġid, jixtrilu għarusa; jekk ikollu l-bniet, jista' jibdel waħda mill-bniet tiegħu ma' waħda mill-bniet ta' raġel ieħor, imbagħad kull wieħed minn dawn il-misserijiet iżewweġ it-tifla l-barranija lil ibnu. Mhux il-misserijiet biss jistgħu jibdlu l-bniet, iżda l-aħwa wkoll, jekk il-missier ikun mejjet.

Il-flus għall-għarusa, jekk ma tkun qatt iżżewġet (jiġifieri ma tkunx armla, jew mitluqa minn żewġha) u tkun bint it-tajjeb u f'saħħitha, ikunu, jew kienu fi żmieni, xi ħaġa qrib il-mitejn lira. Jekk saħħitha tkun imtiefsa: għarġa, jew għajnejha mpeċpċin, jew ikollha xi nuqqas ieħor, tkun tqum xi mitt lira — siwi ta' flus Ingliżi.

Il-ftehim tal-għarusija jsir bejn missier il-għarus u missier il-għarusa. Jekk wieħed mill-misserijiet ikun mejjet, jidħol bdielu xi wieħed qarib tal-għarus (jew il-għarusa): ħuh, għammu, nannuh, imma dejjem raġel, għaliex mara ma tgħoddx. Il-ftehim isir quddiem l-ixjeħ u l-ixħar (l-aktar *onesti*) fost ir-rġiel tar-raħal.

Meta jsir il-ftehim, ma jagħmlux għors kbir. Iġibu l-kafè, sigarretti u xi ħelu Għarbi — mhux ħelu bħal ta' Malta, għamla oħra. Ma ngħidx kif inhu biex ma ntawwalx.

Il-għarus u l-għarusa ma jarawx lil

xulixin qabel ma jasal jum it-tieġ. Jum it-tieġ, wieħed min-nies il-għarus, imur iġib il-għarusa. Jagħti l-flus lil missierha quddiem ix-xhieda, u jrikkibha fuq ġemel, żiemel, jew bagħal. Il-bhima jkollha fuq daharha xi żewġ imtieraħ u l-għarusa jtellgħuha bilqiegħda fuq dawn. Tkun mgħottija bi star abjad, wiċċha mgħammad, u f'rasha jkollha mwaħħal xi rix taddundjani, u f'idejha t-tnejn, quddiemha, iżżomm wieqaf sejf. In-nies tarraħal kollha jinġemgħu biex jaraw jiġru biċċa triq, jisbqu wieħed lil ieħor, u jenġgħu lura. In-nisa jibqgħu wara l-għarusa, jgħannu jew iżgħartu.

Il-għana tagħhom ikun tifħir u xewqat tajba lill-għarajjes, magħmul f'*vers* wieħed. Mara tgħid il-*vers* u n-nisa kollha l-oħra jwieġbu f'daqqa, b'leħen wieħed. Bħal kieku l-mara tgħid: *"Ja Fâtme, għajjûnek suwed jilmgħu ke l-inġum!"* (Ja Fatma, għajnejk suwed jilmgħu daqs il-kwiekeb) u n-nisa l-oħra jgħidu kollha f'daqqa: *"Ja Fâtme, għajjunek su-*



**TIEĠ TA' L-GĦARAB MISILMIN**
**Tidher il-għarusa mgħottija b'liżar abjad, riekba fuq il-bagħla, u f'idejha żżomm ix-xabla.**

lill-għarusa sejra għand l-għarus tagħha; aktarx li jimxu n-nisa wara l-bhima u r-rġiel quddiem. Min ikollu xi żiemel jew debba jirkeb fuqha u jibda *jtâred*, jiġifieri, iġerri lura u 'l quddiem u 'l hawn u 'l hemm. Jekk ikun hemm bosta minn dawn il-firsien, jew nies fuq iż-żwiemel, jibdew itellqu: *wed jilmgħu ke l-inġum, ja Fatme!"* Iżagħartu, jiġifieri jraqqu leħenhom kemm jistgħu u jagħmlu: *lulululululu*!

Is-sabiħa tkun meta żewġ xebbiet għarajjes ikunu ġew mibdulin kif għedt l-ewwel, u jkunu sejrin bihom għand il-għarus ħin wieħed. Għarusa tkun ġejja minn raħal u sejra f'ie-

ħor, waqt li l-oħra tkun ġejja minn dak ir-raħal, biex tmur ir-raħal ta' dik ta' l-ewwel. Kull għarusa jkollha ġemgħa ta' rġiel u nisa u tfal magħha. Meta jiltaqgħu f'nofs it-triq iż-żewġ ġemgħat ta' nies jieqfu quddiem xulxin, jgħajjtu għajjat ta' l-imġienen. Jersqu lejn xulxin ix-xjuħ tannaħa l-waħda u ta' l-oħra u jibdew jitkellmu fuq liema waħda mill-għarajjes għandha tgħaddi l-ewwel. Fl-aħħar, wara ħafna kliem, ix-xjuħ jaqbdu jagħtu. Malli jaraw dan ir-rġiel taż-żewġ naħat jaħbtu għal xulxin u kulħadd jaqbad jagħti bl-idejn: bl-oħtra, bil-ħaġar, b'xi muftieħ tal-ħadid (bis-skieken biss ma tistax) kulħadd mill-aħjar li jista': gdim, grif, ġbid ta' xagħar u ta' leħja, u demm nieżel magħhom. F'dan il-waqt in-nisa ma jiġġieldux imma joqgħodu ftit fil-bogħid iżagħartu biex jagħmlu l-qalb lir-rġiel tagħhom.

Meta jagħtu xebgħa sewwa, jerġgħu jiftehmu. Jibdlu l-għarajjes, u kull ġemgħa ta' nies terġa' lejn ir-raħal li minnu tkun ġiet, bil-għarusa magħha. Fit-triq jgħajjtu u jaqbżu kollha ferħana, donnhom ġejjin minn xi rebħa kbira.

Darba, fiż-żmien li kont hemm jien, fi ġlieda bħal dawn li qegħdin insemmu, li ġrat qrib raħal jgħidulu Bejt-Għatâb, sfaw midruba disa' min-nies. Tlieta fosthom kienu hekk ħażin li ħaduhom l-isptar, u ma nafx jekk ħarġux ħajjin minn hemm.

Meta jaslu r-raħal bil-għarusa, jeħduha mill-ewwel f'dar il-għarus u l-ġemgħa titqassam, ir-rġiel għalihom u n-nisa għalihom. Jagħmlu *għażîma,* jew għors, billi jieklu ikla ross u laħam tal-ħaruf. Jieklu b'idejhom, bla frieket jew imgħaref, u r-ross jgħaqqduh f'idhom, bħal boċċa, u jixħtuh ġo ħalqhom (għalhekk Malta għal min jiżżewweġ ngħidu: *jitmagħna ċappa ross,* għax fl-antik hekk ukoll kienu jagħmlu). Imbagħad in-nisa jġibu żewġ għudiet twal u jorbtuhom ma' xulxin għamla ta' salib, ilibbsuhom libsa mill-ħwejjeġ tal-għarusa u fir-ras ta' dan is-salib imlibbes idendlu sjett tar-ram. Jerfgħu fil-għoli dan is-salib bil-ħwejjeġ u jmorru jduru mar-raħal u jgħajtu u jżagħartu kemm għandhom saħħa.

Fil-għaxija jixgħelu ħafna fanali quddiem bieb il-għarus, fit-triq iġibu xi żewġ għannejja tas-sengħa, u kulħadd joqgħod barra, jisimgħu l-għana, jiżfnu u jiċċajtaw, sakemm jgħejjew u jmorru jorqdu d-dar.

FRA ELIJA, O.F.M.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

Es-sighar jagħtu l-asrar. Bil-Malti għandna qawl bħal dan xorta waħda: *Iż-żgħar jikxfu l-agħwar.* "Sirr" bil-Għarbi tfisser ħaġa moħbija, u l-plural tagħha "asrar".

El-weled li ma rabbah bajju, rabbah iż-żaman. Tfisser: *Dak it-tifel li ma jgħallmux missieru, tgħallmu d-dinja.* Hekk hu tas-sew, imma wisq aħjar għalih li jgħallmu missieru, għax min tgħallmu d-dinja bit-tiġrib tagħha, miskin hu, kemm ikollu jixrob imrar!

La tħalli lil-warrat illa weraq il-kurrat. "Illa" tfisser *ħlief,* il-bqija tal-kliem kollu jiftiehem sewwa bil-Malti.